MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2011

Numru. 1232/2011

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**
**KONTRA**

**FRANCIS MICALLEF**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Francis Micallef ta’ 63 sena, bin Joseph u Pauline nee’ Buhagiar, mwieled Sliema fis- 27 ta’ Awwissu 1963, residenti M Vittoria Flats, Flat 5, Triq il- Bajja, San Giljan u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 736848M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli f' dawn il- Gzejjer nhar il- 21 ta' Awwissu 2011 fl-16.30hrs fi Triq Tunis, Pembroke;

1) ikkaguna hsara volontarja, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe' diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri €1,164.69 ghad-dannu tas- Sinjura Mary Borg u Audrey Borg;

2) u aktar talli fl- istess hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna biza lil Mary Borg u Audrey Borg li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l- propjeta' taghhom;

3) akkuzat ukoll talli kiser il- paci pubblika b' ghajjat, storbju u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissieta bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 325, 251B, u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlettax- il xahar (13) prigunerija sospizi ghal tlitt (3) snin ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) lil Mary Borg u lil Audrey Borg fi zmien sitt (6) xhur millum, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
Il- Qorti qieghda wkoll tobbliga lill-istess Francis Micallef li jzomm il-kwiet ma' Mary Borg, Audrey Borg, Stephanie Borg u Dylon Borg, liema garanzija tibqa' ssehh ghal perjodu ta' sena mil-lum, u dan ai termini tal- Artikolu 383 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, taht penali ta' elf Ewro (€1,000) fin-nuqqas.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------